REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/880

tat-3 ta' Ġunju 2022

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([2]) jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(2) Fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/885 ([3]) li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK, li introduċiet għażliet ulterjuri ta' deroga mill-iffriżar ta' assi u mill-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għal persuni u għal entitajiet iddeżinjati. Huwa xieraq ukoll li jiġu ċċarati u msaħħa d-dispożizzjonijiet dwar il-pieni nazzjonali għall-ksur tal-miżuri f'dak ir-Regolament.

(3) Dawn l-emendi jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat u għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex jiġu implimentati, b'mod partikolari bl-intenzjoni li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 6c*

L-Artikolu 2 ma għandux japplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma strettament meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika minn operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni, għall-forniment ta' faċilitajiet u servizzi assoċjati meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni u s-sigurtà ta' tali servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fir-Russja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn ir-Russja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri ta' data fl-Unjoni.";

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/885 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022).

(2) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni, inkluż kif xieraq pieni kriminali, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll għal miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
C. COLONNA